# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru: **1276/2024 AD**

## KUMMISSARJU TAT-TAXXA U D-DWANA

**VS**

## LB Group Limited (C 52316)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgha, 6 ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors mressaq mir-rikorrent il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2024 fejn għar-ragunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

*"Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-*

*rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari, u miżuri oħra;*

*Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012. Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, li huwa meqjus bhala l-awtorità kompetenti sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra iddelega tali kompetenza lill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana (ara anness delega hawn mmarkata bħala Dok. 'A');*

*Illi l-awtorità applikantii Taljana għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, sitta u ħamsin Euro u erba' ċenteżmi (€45,056.04), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bħala Dok. 'B', oltre interessi skont il-liġi;*

*Illi għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra tali ammont skont l-Artikolu 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;*

*Illi l-kumpanija intimata għandha dritt għal traduzzjoni tal-istess dokument anness f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'Ċ' sabiex l-kumpanija intimata tkun speċifikament infurmata illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' l-imsemmija dokumenti annessi.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'B', u Dok. 'Ċ', jiġu notifikati lill-kumpanija intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument*

*hawn anness u mmarkat bħala Dok.'B' bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv."*

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Mill-atti jirriżulta li s-Socjeta Konvenuta LB Group Limited (C 52316) ġiet debitament notifikata (ara dorso fol. 22 tal-proċess) nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2025 permezz tal-affissjoni u l-publikazzjoni, iżda ma kkontestax dawn il-proċeduri.

Din il-Qorti tinsab sodisfatta li f'dan il-każ ġew segwiti r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24UE u tal-Avviż Legali 153 tal-2012 u għaldaqstant tordna li ssir ir-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok B, bħala kopja uffiċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għas-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, sitta u ħamsin Euro u erba' ċenteżmi (€45,056.04).

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra s-socjeta' intimata.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**